**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE MERCIECA LL.D**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**kontra**

**KYLE BUHAGIAR**

**(K.I 448489(M))**

Kaz Nru.: 121/13

Illum, il-25 ta' Lulju 2022

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Kyle Buhagiar** ta' tnejn u għoxrin (22) sena, iben Agostino u Maria Xebba Micallef, imwieled Pieta' nhar it-30 ta' Settembru 1989, residenti 74A, Triq Ħal Tarxien, Tarxien u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 448489M, akkużat talli f'dawn il-gzejjer, fid-9 ta' Frar 2012 u fix-xahar ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Aktar talli ikkommettejt reat waqt li kont taħt ordni operattiv ta' sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Maġistrat Dr. M. A. Farrugia nhar l-1 ta' Lulju 2011, liema sentenza saret definittiva u ma' tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet u rat ix-xhieda,

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1].

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta permezz ta' digriet tal-Onor. Prim'Imhallef Mark Chetcuti data it-28 ta' Lulju 2022;

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

---

[1] Ara a fol. 2 tal-Proċess.

**Ikkunsidrat:**

Fatti tal-Kaz u x-xhieda mressqa

Rat li in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

Illi l-**Ispettur Victor Aquilina** esebixxa l-istqarrija ta' l-imputat meħuda fil-preżenza ta' PC 923 Pierguido Saliba[2], u xehed illi fid-9 ta' Frar 2012 il-pulizija daħlitilha informazzjoni li Kyle Buhagiar kien qed jabbuża kif ukoll seta' kien qed ibiegħ id-droga erojina. Fil-fatt il-pulizija kienu marru jesegwixxu mandat t'arrest fil-konfront ta' l-imputat fejn huma arrestaw lill-imputat u wara li saret tfittxija fil-kamra tas-sodda l-pulizija elevat erba'(4) qratas b' traċċi kannella suspettati Erojina, labra, kif ukoll Riżla paper. L-imputat ingħata d-dritt ta' l-avukat fejn huwa għażel u rrifjuta li jikkonsulta ma' avukat qabel ma' ġie interrogat[3]. Ix-xhud xehed li dakinhar stess huwa kien kellem lill-imputat fejn staqsieh jekk il-qratas li nstabu fil-kamra tas-sodda kienux tiegħu u l-imputat ammetta li iva kienu. L-imputat ma' wieġeb l-ebda mistoqsija oħra li saritlu u għażel li ma jiffirmax l-istqarrija. Ix-xhud esebixxa ukoll it-traċċi tas-sustanza li ġiet elevata u sentenza tal-Qorti tal-Maġistrat Dr Marseanne Farrugia fl-ismijiet Il-Pulizija (Supt. Norbert Ciappara vs Kyle Buhagiar)[4] u dan ai fini tat-tieni akkuża.

Rat ix-xhieda ta' **PS923 Pierre Guido Saliba** illi xehed li fid-9 ta' Frar 2012 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30 pm) il-pulizija daħlu jeżegwixxu mandat ġewwa residenza f' Ħal Tarxien. L-imputat ma kienx id-dar iżda kien hemm ommu u waqt li l-pulizija kienu fir-residenza tiegħu l-imputat ċempel lil ommu u staqsietu fejn kien. Hu infurmaha li kien Ħal-Luqa ħdejn il-Lidl. Fil-pront il-Pulizija infurmawh li kien qiegħed taħt arrest u marru jiġbruh minn Ħal-Luqa x-xhud u kollega tiegħu PC 323 u tawh id-dritt ta' l-avukat. Ix-xhud xehed illi huma ħaduh ġewwa r-residenza tiegħu fejn wara li omm l-imputat indikat il-kamra tas-sodda tiegħu l-pulizija għamlu tfittxija u elevaw xi siringa użata bi traċċi ġo fiha, erba' pakketti bi traċċi ta' sustanza kannella u xi pakketti tar-Riżla.

---

[2] Ara a fol 13 sa 14 tal-Proċess.
[3] Ara a fol 15 tal-Proċess.
[4] Ara a fol 16 sa 18 tal-Proċess.

Xehed ukoll **PC323 Cedric Buhagiar** li qal li fid-9 ta' Frar 2012 kien xogħol *second watch* u hu u PS923 kienu marru jeżegwixxu mandat fuq l-imputat Kyle Buhagiar. Ix-xhud xehed li għall-ħabta tas-sitta u nofs (6:30 pm) kienu raw lill-omm l-imputat ħierġa mir-residenza tagħha u l-pulizija infurmawha bil-mandat u waqt li l-pulizija kienu fir-residenza tiegħu l-imputat ċempel lil ommu u staqsietu fejn kien u qalilha li kien ħdejn il-Lidl u għalhekk il-pulizija marru jiġbruh minn hemmhekk u ħaduh id-dar. Il-pulizija għamlu tfittxija fil-kamra tas-sodda tiegħu l-pulizija u elevaw xi siringa użata bi traċċi ġo fiha, erba' pakketti bi traċċi ta' sustanza kannella u xi pakketti tar-Riżla. Dak il-ħin ix-xhud xehed li infurmaw lill-imputat li kien qiegħed taħt arrest u eskortawh id-Depot sabiex titkompla l-investigazzjoni mill-Ispettur Victor Aquilina.

Xehed ix-**Xjenzat Godwin Sammut**, li kien inħatar bħala espert f' dawn il-proċeduri sabiex jeżamina il-kontenut ta' envelope eżebit in atti u mmarkat bħala Dok. SB/453/2013. Dan l-eżami sar fuq siringa li rriżultat fin-negattiv għal traċċi ta' droga u swabs mehuda minn biċċiet tal-plastic li kien hemm fid-dokument 301/13/01 fuq liema instabet id-droga eroina. Ix-xhud esebixxa r-rapport tiegħu bħala Dok GS[5].

Xehed ukoll **PS 635 Alan Calleja** li qal li fid-9 ta' Frar 2012 huwa kien ingħata struzzjonijiet mingħand l-Ispettur Victor Aquilina sabiex imur jagħmel osservazzjoni fuq ir-residenza ta' Kyle Buhagiar fl-indirizz 74 A Tarxien Road, Tarxien. Ix-xhud xehed illi ma nnotaw xejn li seta' jindika li kien qiegħed isir traffikar tad-droga. Ix-xhud kompla jixhed li għall-ħabta tas-sitta u nofs (6:30 pm) pm il-pulizija daħħlu fir-residenza imsemmija fejn wara tfittxija li saret fil-kamra tas-sodda ta' l-imputat huma elevaw erbgħa kantunieri bi trab kannella ġo fihom u siringa użata u xi karta tar-Riżla. L-imputat ġie mogħti d-dritt ta' l-avukat u s-solitu twissija u ġie eskortat lejn id-Depot sabiex ikompli jiġi investigat mill-Ispettur Victor Aquilina. Ix-xhud xehed ukoll li huwa kien akkumpanjat minn PC 323 u PS 923 u li t-tfittxiija saret fil-preżenza ta' l-imputat. Fuq mistoqsija in kontro-eżami, ix-xhud xehed li meta daħħlu fil-post kien hemm omm l-imputat preżenti u wara ftit ħin wasal l-imputat. Ix-xhud

---

5 Ara a fol. 32 sa 44 tal-Proċess.

iċċara illi parti mit-tfittxija saret fil-preżenza ta' omm l-imputat filwaqt li parti minnha saret ukoll fil-preżenza ta' l-imputat. Ix-xhud ma kienx pożizzjoni jikkonferma f' liema punt wasal l-imputat u jekk kienx preżenti waqt li saret it-tfittxija fil-kamra tas-sodda tiegħu u ġew elevati l-oġġetti elenkati minn hemmhekk.

Xehed in **kontro-eżami l-Ispettur Pierre Guido Saliba** li kkonferma li dakinhar li marru tfittxija fid-dar ta' l-imputat kienu hu, PC 323 u PS 635. Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-imputat ma kienx hemm u fil-fatt saret telefonata bejn l-imputat u ommu u l-imputat qal li kien ħdejn il-Lidl ta' Ħal Luqa. Ix-xhud ikkonferma li hu u PC 323 marru jiġbru lill-imputat minn Ħal Luqa. Ix-xhud kompla jgħid li kieku t-tfittxija ma saritx fil-preżenza ta' l-imputat u kien ikollu notament. Xehed ukoll li l-pulizija għamlu tfittxija fil-kamra li tintuża esklussivament mill-imputat.

Xehed in **kontro-eżami x-xjenzat Godwin Sammut** li qal li ma kienx jiftakarx jekk is-siringa elevata mill-pulizija u li fuqha għamel analiżi kienitx użata. Xehed ukoll li kien hemm biċċiet tal-plastic li kienu parti mill-eżebit li ngħata li kellhom traċċi ta' trab fuqhom u għalhekk kienu użati. Ix-xhud xehed li mir-riżultati tal-eżami li għamel instabet il-preżenza ta' eroina, morfina, codeine u kafeina. Mistoqsi in kontro eżami jekk t-traċċi ta' l-eroina kienu ilhom hemm, ix-xhud qal li ma setax jixhed dwar dan peress illi l-inkarigu tiegħu ma kienx f' dak is-sens. Ix-xhud xehed li l-eżebiti ġabarhom mingħand l-exhibits officer tal-Qorti u dawn kienu ġewwa envelope kannella li kien issiġillat. Mistoqsi mill-avukat tad-difiża, ix-xhud qal li l-esebiti kollha kienu ġewwa borża waħda. Ix-xhud xehed li qatt ma jista' jiġi determinat jekk l-eżebiti kienu ilhom hemmhekk jew le u kkonferma li ma tax każ kienx hemm trab fuq l-esebiti għaliex huwa kien qiegħed jeżaminahhom għall-preżenza jew le tal-eroina. Mistoqsi jekk fuq il-bicciet tal-plastic, kienx hemm trab huwa jispjega li ma kien hemm trab izda ticpis biss – ticpis fil-plastic li taw rizultat pozittiv ghall-eroina.

Xehed in kontro-eżami **ex PC Cedric Buhagiar** li xehed li għall-ewwel li marru d-dar ta' l-imputat sabu biss lil ommu u wara li l-pulizija talbuha tagħmel kuntatt hija hekk għamlet. Ix-xhud qal li hu ma rajhiex tagħmel kuntatt ma' l-imputat. Ix-xhud qal ukoll li m' għamlu l-ebda tfittxija qabel

ma wasal l-imputat. Ix-xhud ippreċiża jgħid li għamlu t-tfittxija fil-kamra ta' l-imputat meta wasal hu. Ix-xhud xehed li l-imputat dam ftit ma wasal u huma qagħdu jistennewh fid-dar ta' ommu. Iffaċċjat b' dak li kien xehed preċedentament u cioe li l-pulizija kienu marru jiġbru lill-imputat minn ħdejn il-Lidl u eskortawh lejn id-dar, ix-xhud qal li ma jiftakarx.

Rat ukoll li d-difiża resqet l-omm l-imputat bħala xhud in difesa u li l-imputat għażel volontarjament li jixhed waqt dawn il-proċeduri:

Mix-xhieda ta' **Maria Buhagiar**, omm l-imputat ħareġ illi fis-sena 2012 darba minnhom, fil-għaxija kienet daqqet il-qanpiena tad-dar tagħha, ġewwa Ħal Tarxien u kienet sabet tlieta pajżana u wieħed kien staqsiha biex ikellem lill-imputat. Hija niżlet isfel u qaltlu li l-imputat ma kienx jgħix f' dik d-dar magħha u qalilha li xorta waħda riedu jitilgħu jagħmlu tfittxija. Ix-xhud xehdet li dan ir-raġel li ma qalilhiex min kien, qalilha li ma setatx tagħmel telefonati u lanqas tmiss xejn. Kompliet tixhed li dan talabha turih il-kamra ta' l-imputat u minnufih bdew jagħmlu tfittxija fiha u jqalbu kull m' hemm. Hemmhekk sabu siringa vojta u staqsewha fejn kien l-imputat u reġgħet tenniet li ma kienx jgħix hemmhekk iżda kien jgħix Ħal-Luqa. Ix-xhud xehdet li dan ir-raġel qalilha iċċempel lill-imputat u tgħidlu li kienu sejrin għalih u fil-fatt hekk għamlet. Kompliet tixhed illi l-imputat qal sabiex jmorru jiltaqgħu miegħu ħdejn il-Lidl u fil-fatt tnejn marru jiġbruh u t-tielet wieħed qagħad d-dar max-xhud. Ix-xhud xehdet li t-tfittxija saret biss fil-kamra ta' l-imputat. Meta wasal l-imputat huma wrewh is-siringa li sabu u xi biċċtejn plastic iżda huwa qalilhom li dawk kienu antiki filwaqt li kkonferma li kienu tiegħu. Sussegwentament ix-xhud qalet li ħadu lill-imputat magħhom id-Depot.

**L-imputat Kyle Buhagiar** xehed li kien ilu erba' ġimgħat li beda' programm u kien ilu tlett ġimgħat Santa Marija peress illi ġimgħa minnhom qatahha dar l-Impenn. Huwa xehed illi fi Frar 2012 kien jgħix ġewwa appartament f' Ħal-Luqa flimkien mat-tfajla tiegħu. Ix-xhud kompla jixhed li f' ġurnata minnhom fi Frar kien irċieva telefonata mingħand ommu li qaltlu li kien hemm il-pulizija d-dar tagħha f' Ħal Tarxien jqalbulu l-kamra. L-imputat li huwa kellem lill-pulizija iżda ma setax jiftakar kienitx waqt l-istess telefonata, u huma staqsewh fejn kien u qalilhom biex jiltaqgħu ħdejn il-Lidl ta' Ħal Luqa. Huma infurmawh li

kien taħt arrest. Ix-xhud qal li rikeb mal-pulizija u marru d-dar t' ommu f' Ħal Tarxien u daħħluh fil-kamra tas-sodda fejn kien jorqod qabel ma telaq minn hemmhekk. Ix-xhud kompla jgħid li l-pulizja qalulu li sabulu pakketti vojta, labra vojta, biċċa bott tal-fwieħa u pakkett Riżla tal-karti iżda ma ġiex spjegat lilu fejn instabu dawn l-oġġetti. In kontro-eżami l-imputat ikkonferma li l-ispettur ħadlu stqarrija u f' dik l-istqarrija huwa tah l-indirizz t'ommu peress illi dak kien l-indirizz li kellu fuq il-karta ta' l-identita'.

<u>Kunsiderazzjonijiet dwar htija</u>

Illi fl-ewwel lok dina l-Qorti ser tindirizza l-piz li ghandha taghti l-istqarrija rrillaxxata mill-qua imputat lill-pulizija fl-istadju tal-investigazzjonijiet. L-imsemmija stqarrija giet irrillaxxata fid-9 ta' Frar 2012 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghaxija. Qabel ma beda l-interrogatorju jirrizulta li l-imputat gie mghoti d-dritt ghas-silenzju kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma avukat jew prokuratur legali. L-imputat irrifjuta dan id-dritt li kien limitat biss ghall-assistenza legali qabel l-istqarrija u in sostenn ta' dan iffirma dikjarazzjoni li giet esebita fl-atti processwali odjerni bhala dok. VA2. Min-naha l-ohra l-imputat ghazel li ma jiffirmax l-istess stqarrija. PC923 Pierguido Saliba xehed dwar il-volontarjeta' tal-istess stqarrija.

Mill-istess stqarrija esebita (Dok. VA1), mid-dikjarazzjoni ghar-rifjut tal-parir legali (Dok. VA2), u mix-xhieda ta' dak iz-zmien l-ispettur Victor Aquilina, jirrizulta car li l-imputat ma kienx gie mghoti d-dritt tal-assistenza legali <u>waqt</u> l-istqarrija. Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti li jzommu lill-imputat li jkun hekk assistiet. Fil-fatt jirrizulta li l-qua imputat gie offrut id-dritt ghall-assistenza legali <u>qabel</u> (mhux waqt) l-interrogazzjoni u dana dejjem skond il-ligi vigenti dak iz-zmien. Isegwi ghalhekk li probabilment l-unika raguni l-ghaliex l-imputat ma kienx mghoti l-possibilita' li jkun mghejjun minn avukat waqt l-interrogazzjoni kienet l-ghaliex il-ligi vigenti dak iz-zmien ma kinitx tippermettieha. Dak iz-zmien li fiha ttiehdet l-istqarrija odjerna (Frar 2012) il-ligi kienet tippermetti biss li l-imputat jkun jista' jikkonsulta ma avukat qabel ma tittiehed l-istqarrija sa massimu ta'

siegħa. Id-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija gie ntrodott fil-Kodici Kriminali permezz ta' l-Att LI fit-28 ta' Novembru 2016.

Illi l-guriprudenza lokali ricenti fir-rigward tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju jidher li qed tistrieh fuq l-insenjament mghoti fil-kaz **__Beuze v il-Belgju__** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, li kien jitratta ukoll sitwazzjoni fejn il-ligi domestika relevanti ma kinitx tippermetti l-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u fejn ma kienx hemm ragunijiet impellenti ghalfejn ma tigiex offruta l-assistenza tal-avukat. F'dan il-pronunzjament intqal:

> *"120. The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see Ibrahim and Others, ... § 250). The Court's primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings ... ... ... "*
>
> *121. As the Court has found on numerous occasions, compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be ruled out that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings. ... ... ... "*
>
> *... ... ... "139. The stages of the analysis as set out in the Salduz judgment – first looking at whether or not there were compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, then examining the overall fairness of the proceedings – have been followed by Chambers of the Court in cases concerning either statutory restrictions of a general and mandatory nature, or restrictions stemming from case- specific decisions taken by the competent authorities.*
>
> *"140. In a number of cases, which all concerned Turkey, the Court did not, however, address the question of compelling reasons, and neither did it examine the fairness of the proceedings, but found that*

*systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, ab initio, to a violation of the Convention ... ... ... Nevertheless, in the majority of cases, the Court has opted for a less absolute approach and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form ... and sometimes in greater detail ...*

*"141. Being confronted with a certain divergence in the approach to be followed, in Ibrahim and Others the Court consolidated the principle established by the Salduz judgment, thus confirming that the applicable test consisted of two stages and providing some clarification as to each of those stages and the relationship between them (see Ibrahim and Others, ... §§ 257 and 258-62).*

*"144. In Ibrahim and Others the Court also confirmed that the absence of compelling reasons did not lead in itself to a finding of a violation of Article 6. Whether or not there are compelling reasons, it is necessary in each case to view the proceedings as a whole (see Ibrahim and Others, ... § 262). That latter point is of particular importance in the present case, since the applicant relied on a certain interpretation of the Court's case-law on the right of access to a lawyer ... to the effect that the statutory and systematic origin of a restriction on that right sufficed, in the absence of compelling reasons, for the requirements of Article 6 to have been breached. However, as can be seen from the Ibrahim and Others judgment, followed by the Simeonovi judgment, the Court rejected the argument of the applicants in those cases that Salduz had laid down an absolute rule of that nature. The Court has thus departed from the principle that was set out, in particular, in the Dayanan case and other judgments against Turkey.*

*"145. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal*

*proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer*[6] *(see Ibrahim and Others, ... § 265).......*

*"147. Lastly, it must be pointed out that the principle of placing the overall fairness of the proceedings at the heart of the assessment is not limited to the right of access to a lawyer under Article 6 § 3 (c) but is inherent in the broader case-law on defence rights enshrined in Article 6 § 1 of the Convention ... ... ...*

*"148. That emphasis, moreover, is consistent with the role of the Court, which is not to adjudicate in the abstract or to harmonise the various legal systems, but to establish safeguards to ensure that the proceedings followed in each case comply with the requirements of a fair trial, having regard to the specific circumstances of each accused.......*

*"150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, ... § 274, and Simeonovi, ... § 120):*

*"(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*

*"(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*

*"(c)whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*

*"(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*

[6] Emfazi ta' dina l-Qorti

*"(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*

*"(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*

*"(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*"(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter; "*

*(i)the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*"(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice".*

Fil-kaz odjern li jirrizulta huwa li l-qua imputat gie offrut u ghazel li jikkonsultax ma avukat qabel l-interrogatorju mill-pulizija izda ma kienx offrut id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Dak iz-zmien il-qua imputat kellu biss l-eta' ta' tnejn u ghoxrin sena. Minn qari tal-istess stqarrija kjarament jirrizulta li l-qua imputat inkrimina lilu nnifsu fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni u li l-istqarrija kienet wahda mill-provi principali tal-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputat, tant li anke fil-kontro-ezami tal-imputat saret referenza ghaliha. Ghaldaqstant dina l-Qorti, wara li hadet konjizzjoni tal-provi migbura u l-gurisprudenza relatata mal-valur probatorju li hija ghandha taghti l-istqarrija mehuda f'cirkostanzi simili ghal dawk tal-kaz odjern, partikolarment il-fatturi stabbiliti sabiex isir l-analizi tal-*overall fairness* tal-proceduri, ma thossx li jkun opportun li tistrieh interament fuq l-istqarrija sabiex tistabillixi r-reita o meno tal-imputat ghall-imputazzjonijiet odjerni. Isegwi ghalhekk li ghar-ragunijiet suesposti u fid-dawl tal-principju tal-*overall fairness,* dina l-Qorti ma hijiex ser tikkunsidra l-istqarrija rrillaxxata mill-imputat meta tigi sabiex tikkunsidra ir-reita' tieghu o meno ghall-imputazjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

Illi l-abbli difensur jissottometti ukoll li l-proceduri odjerni huma milquta bil-principju tan-*ne bis in idem*. Dan l-ghaliex il-prosekuzzjoni ezebiet sentenza (Dok. VA4) li tirreferri ghall-fatti li jirrisalu lura ghas-sena 2008 u Sammut (l-espert nominat) ikkonkluda li ma setghax jikkonkludi kemm kellha zmien l-eroina u dana minhabba l-ammont negligibli tal-istess tracci. Din l-allegazzjoni bir-rispett kollu ma treggiex. Huwa principju ormai stabbilit li min jallega jrid jipprova. Mill-atti processwali odjerni dina l-Qorti hija sprovvista minn kwalunkwe tracca ta' prova li t-tracci tal-herojina elevati mertu tal-proceduri odjerni huma ukoll mertu tal-proceduri decizi minn din il-Qorti (diversament ippreseduta) fl-1 ta' Lulju 2011. Dan iktar u iktar tenut kont li l-istess sustanza giet elevata f'dawn il-proceduri u mhux f'dawk li proceduri li jidher li gew decizi b'sentenza tas-sena 2011.

Stabbilit dan, jinghad li permezz tal-ewwel imputazzjoni Buhagiar jinsab akkuzat b'pussess semplici tad-droga herojina. B'referenza ghal din l-imputazzjoni, l-abbli difensur jattakka l-pussess kostruttiv tal-qua imputat u galadarba skond dak li jirrizulta mill-provi in difesa, l-imputat f'dak il-perjodu ma kienx qed jirrisjedi mal-genituri tieghu fir-residenza gewwa Hat-Tarxien izda Hal-Luqa mat-tfajla tieghu.

Jibda biex jinghad li dan il-punt (li fi zmien tat-tfittxijiet mill-pulizija in konnessjoni mal-imputazzjonijiet odjerni l-imputat kien jirrisjedi gewwa Hal-Luqa) ma harget minn imkien hlief mix-xhieda in difesa – u cioe' l-imputat innifsu u omm l-istess imputat. Hadd mill-ufficjali tal-pulizija ma xehed li meta huma marru fir-residenza ta' Hat-Tarxien omm l-imputat qaltilhom li Kyle Buhagiar ma kienx qed jirrisjedi hemm izda go fond iehor. Ghalkemm omm l-imputat sqarret li qalet hekk lill-pulizija din il-Qorti ma ssibx din id-dikjarazzjoni bhala wahda li ghandha mis-sewwa u dan ghaliex il-pulizija definittivament kien jinterressahom li jaghmlu tfittxija f'kull post taht il-kontroll ta' Kyle Buhagiar galadarba kellhom mandat fil-konfront tieghu u per konsegwenza kienu jaggixxu immedjatament fuq tali informazzjoni. Bir-rispett kollu fil-fehma ta' din il-Qorti kull genitur kapaci jaghmel distinzjoni cara u netta bejn wild li mhux qieghed id-dar temporanjament u wild li ma ghadux jirrisjedi f'dik id-dar. Dak li ghamlet l-omm l-imputat, hekk kif jirrizulta mix-xhieda tal-pulizija u anke mix-xhieda taghha, huwa li ndikat lill-pulizija liema kienet

il-kamra tat-tifel taghha. Fix-xhieda taghha hija tirreferi kontinwament ghall-kamra ta' Kyle u fl-ebda hin ma tuza' kliem li ifissru 'l-kamra li kien juza Kyle'.

Din il-Qorti ma hijiex ser tiddilunga fuq din il-kwistjoni inutilment. Ir-residenza u l-lok ta' fejn kien l-imputat ma huwiex dak li ghandu jistabbilixxi r-reita' tal-imputat jew xort'ohra. Dak li din il-Qorti trid tistabillixi huwa jekk l-affarijiet elevati mill-pulizija gewx migbura mill-effetti personali tal-imputat. F'dan ir-rigward l-ufficjali tal-pulizija kollha jixhdu li l-imsemmija ogetti gew elevati mill-kamra tal-imputat fir-residenza ta' Hat-Tarxien. Madanakollu din il-Qorti mhux ser tistrieh fuq hekk biss. Omm l-imputat fix-xhieda taghha ddikjarat:

*"Qorti: Fejn bdew iqallbu?*
*Xhud: <u>Fil-Kamra tat-tifel</u>.*
*…*
*Xhud: ….U cempiltlu jien lil Kyle, ghidtlu: 'Kyle, <u>qed iqelbulek fil-kamra'</u> ….*
*Avukat: Aparti l-kamra ta' Kyle, fittxew x'imkien iehor?*
*Xhud: <u>Le fil-kamra ta' Kyle biss</u>.*
*Avukat: Imkien*
*Xhud: Imkien, <u>fil-kamra ta' Kyle biss</u>."* (emfazi tal-Qorti)[7]

Adirittura l-imputat fix-xhieda tieghu jiddikjara:

*"…*
*Xhud: Maria Buhagiar, illi hemm il-Pulizija d-dar qed <u>iqelbuli fil-kamra</u>.*
*….*
*Xhud: Qed <u>iqelbuli fil-kamra</u>.*
*…*
*Xhud: Tlajt fuq u kien hemm il-Pulizija u <u>dahhalni fil-kamra tieghi</u>, poggini bilqeghda fuq is-sodda."* (Emfazi ta' din il-Qorti).

Huwa minnu li wara li l-imputat gie mfakkar mill-avukat difensur (waqt li kien qed isiru d-domandi) sabiex jikkjarifika li dik kienet il-kamra li kellu qabel, madanakollu jirrizulta car kemm mix-xhieda tal-omm kif ukoll tal-imputat innifsu li dik il-kamra kienet tal-imputat u li fiha kien

---

[7] Fol. 119 u 120 tal-atti processwali.

hemm l-oggetti personali tieghu. Tenut kont dan kollu din il-Qorti hija soddisfatta li l-oggetti elevati mill-pulizija, konsistenti fi erba' qratas, zewgt pakketti b'rizla paper u siringa gew elevati mill-isfera ta' kontroll tal-qua imputat.

Illi lanjanza ohra mill-avukat difensur hija li tfittxija fl-imsemmija kamra saret fl-assenza tal-imputat. L-ufficjali tal-pulizija jispjegaw li meta wasslu fir-residenza, Kyle Buhagiar, ma kienx hemm, izda kien hemm biss omm l-imputat. Wiehed mill-ufficjali baqgha ma omm l-imputat filwaqt li tnejn ohra marru Hal-Luqa sabiex jarrestaw lill-qua imputat. Huma rritornaw lura fir-residenza ta' Hat-Tarxien flimkien ma Kyle Buhagiar u kien biss hemm li saret tfittxija fil-kamra tal-imputat. Omm l-imputat fix-xhieda taghha tghid li t-tfittxija saret meta binha kien ghadu ma rritornax id-dar. Mix-xhieda taghha huwa car madanakollu li hija kienet prezenti ghall-istess tfittxija l-ghaliex tat deskrizzjoni cara tal-istess tfittxija u tal-affarijiet kollha elevati mill-pulizija.

F'dan ir-rigward din il-Qorti tirreleva li fil-fehma taghha l-verzjoni mghotija mill-ufficjali hija izjed kredibbli u dan l-ghaliex kieku dak li nghad mix-xhieda in difesa huwa minnu, ma kienx ikun hemm l-ebda htiega li l-imputat jittiehed fir-residenza ta' Hat-Tarxien izda setgha jittiehed mal-ewwel fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Madanakollu, anke li kieku dak allegat mill-imputat huwa minnu u cioe' li huwa ma kienx prezenti ghat-tfittxija li saret fil-kamra tieghu u li dina saret fil-prezenza t'ommu biss, qabel ma huwa rritorna fl-istess residenza, din il-Qorti ma tara xejn hazin b'dan. Dan ghaliex l-artikolu 357 tal-Kodici Kriminali taghti s-setgha lill-ufficjali tal-pulizija li jikkonservaw l-oggetti relatati ma reat kriminali. F'dan is-sens l-artikolu 357 tal-Kodici Kriminali li jistipula:

> *357. Meta uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva jikxef armi, dokumenti, traċċi jew sinjali jew ħaġ'oħra li jkollha x'taqsam mar-reat, hu għandu jfittex li jistabbilixxi u jiżgura l-eżistenza tagħhom u li jżommhom fl-istat li jkun sabhom, sakemm jagħmel ir-rapport tiegħu lill-Qorti tal-Maġistrati, u, jekk ma jkunx jista' jistabbilixxi u jiżgura din l-eżistenza jew jekk ma jkunx jista' jżommhom, għandu josserva l-istess proċedura li hemm għar-"reperti ".*

Fil-kaz odjern, jekk dak allegat mill-imputat, ghas-setgha tal-kelma, ghandu mis-sewwa, t-tfittxija u l-oggetti elevati, gew hekk elevati fil-prezenza t'omm l-imputat. Ghaldaqstant omm l-imputat, residenti ukoll fl-imsemmija residenza, setghet tikkontrolla dak li ghamlu l-pulizija, tant li adirittura kienet kapaci tati deskrizzjoni tajba ta' dak li sehh dakinhar.

Fir-rigward tal-necessita' tal-prezenza tal-imputat waqt il-konservazzjoni tal-istess oggetti elevati, ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-ismijiet: Ir-Repubblika ta' **Malta vs. Mark sive Marco Pace**, fejn l-akkuzat kien qed jilmenta mill-mankanza totali ta' kontroll min-naha tal-imputat ghac-chain of evidence galadarba xi evidenza u xoghol iehor forensiku sar fl-assenza tal-persuni li l-pulizija kienet qed tissuspetta ghar-reat kif ukoll fl-assenza ta' kontroll dirett tal-Qorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell ddikjarat:

> *"12. L-appellant lanqas ma jista' jirnexxi fl-ilment tiegħu dwar il-parti l-oħra ta' l-ewwel eċċezzjoni rigward l-elevazzjoni ta' samples ta' tajn, mingħajr proċessverbal u mingħajr aċċess u mhux fil-presenza tal-persuni li l-pulizija kienet qed tissuspetta f'dan ir-reat. L-esperti ġew debitament nominati mill-Maġistrat Inkwirenti b'digriet tat-3 ta' Diċembru 2004.7 L-esperti tax-xena tar-reat (sceneof-crime officers) wettqu l-inkarigu tagħhom skont dik in-nomina. Għalhekk huma elevaw u ppreservaw kull evidenza forensika, u hejjew ir-relazzjoni taghhom (Dok. XF a fol. 663) fejn spjegaw b'mod dettaljat ix-xogħol li kienu għamlu sabiex jiġi preservat iċ-chain of evidence.*
>
> *13. L-appellant jilmenta, pero`, li dan ix-xogħol ma sarx fil-presenza ta' min kien suspettat. L-ewwelnett jingħad illi fi stadju ta' investigazzjoni ta' delitt, mhux dejjem ikun hemm mill-ewwel persuna suspettata. Fi kwalunkwe każ, il-preservazzjoni ta' provi trid issir without delay. Imbagħad f'dan il-każ, ix-xogħol sar fil-kuntest ta' inkjesta maġisterjali. Tista' hawn issir referenza għal dak li ntqal fl-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Joseph Ignatius Fenech** mogħtija fil-21 ta' Mejju 2008:*

*"Issa, il-periti jigu maghzulin mill-Qorti jew mill-Magistrat Inkwirenti f'dawk il-kazijiet li fihom ikun jehtieg hila jew sengha specjali. Huma maghzulin minn fost nies li l-Qorti jew il-Magistrat Inkwirenti jidhrilhom li ghandhom il-kompetenza necessarja fil-qasam li fih tkun mehtiega dik il-hila jew sengha specjali. Certu xoghol irid isir f'laboratorji attrezzati biex isiru l-esperimenti u l-analizi li jkun hemm bzonn. Ghalhekk persuna suspettata jew imputata jew akkuzata ma tistax tippretendi li tkun prezenti waqt li qeghdin isiru tali esperimenti jew analizi li normalment jirrikjedu hinijiet twal ta' xoghol u koncentrazzjoni u anke ta' stennija. "*

*Imbaghad id-dritt ta' persuna imputata jew akkuzata li tkun prezenti ghall-proceduri kriminali tfisser precizament hekk, il-prezenza taghha waqt il-proceduri kriminali fejn ikollha dritt tikkontrolla kemm lix-xhieda kif ukoll il-periti. Lartikolu 653(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jipprovdi li:*

*'Il-periti, meta jispiccaw ix-xoghol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengha taghhom, ghandhom jaghmlu bil-fomm jew bil-miktub ir-rapport taghhom, skond id-direzzjonijiet tal-Qorti.'*

*Inoltre s-subartikolu (2) jipprovdi li:*

*'Irrapport ghandu f'kull kaz isemmi l-fatti u c-cirkostanzi li fuqhom il-periti jkunu ibbazaw il-fehma taghhom.'*

*Barra minn hekk l-artikolu 655 jghid:*

*'Kull wahda mill-partijiet, il-qorti, u, fil-kazijiet ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, kull wiehed mill-gurati, jistghu jitolbu mill-periti tifsir ahjar fuq ir-rapport taghhom, kif ukoll fuq dak li jidhrilhom li jista' jaghmel aktar cara l-fehma tal-periti.'*

*B'dan il-mod l-imputat jew l-akkuzat ghandu l-mod kif jista' jikkontrolla x-xoghol li jkun sar mill-periti. Izda l-ligi tmur oltre u tissalvagwardja lill-imputat jew l-akkuzat billi tipprovdi fl-artikolu 656:*

*'Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra lperswazjoni tieghu.'*

*14. Għalkemm ma tqajmitx kwistjoni dwar l-imparzjalita` o meno tas-scene-ofcrime officers, tajjeb li ssir referenza wkoll għad-deċiżjoni parzjali mogħtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Settembru 2005 dwar l-ammissibilita` ta' l-applikazzjoni fl-ismijiet* ***Nazzareno Zarb v. Malta*** *fejn intqal:*

> *19 "Admittedly, the fact that the experts charged to check and take the fingerprints at the scene of the crimes were members of the police – who owe a general duty of obedience to the State's executive authorities and usually have links with the prosecution (see Van Mechelen and Others v. the Netherlands, judgment of 23 April 1997, Reports of Judgments and Decisions 1997-III, p. 712, § 56) – may have given rise to apprehensions on the part of the applicant. Such apprehensions may have a certain importance, but are not decisive. What is decisive is whether the doubts raised by appearances can be held objectively justified (see, Brandstetter, judgment quoted above, p. 21, § 44, and Emmanuello, decision quoted above). "Such an objective justification is lacking here: in the Court's opinion, the fact that an expert is a member of the police does not in itself justify fears that he will be unable to act with proper neutrality. To hold otherwise would in many cases place unacceptable limits on the possibility for courts to obtain expert advice, having regard, in particular, to the technical skills that members of the police have in taking and comparing fingerprints (see Emmanuello, decision quoted above). Furthermore, the applicant did not produce any element showing that the experts complained of performed their duties in a way which was not impartial and objective."*

*15. Imbagħad xogħol is-scene-of-crime officers kien sabiex jippreservaw levidenza permezz ta' ritratti, elevar ta' oġġetti u kampjuni u preservar ta' listess u mhux biex janaliżżawhom. Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk, l-appellant ma jistax jirnexxi fl-ilmenti tiegħu.*

*16. Konsegwentement l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.*

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawk hawn fuq espost, fil-fehma ta' dina l-Qorti ma jezisti l-ebda dubbju li l-oggetti elevati mill-kamra tal-qua imputat huma effettivament l-oggetti li gew analizzati mix-xjenzat Godwin Sammut u dana wara li gew ikkonservati u prezentanti l-Qorti. Konsegwentament ic-chain of evidence hija ntatta.

Stabbilit dan kollu, partikolarment il-fatt li l-imputat kien fil-pussess tal-oggetti elevati mill-pulizija dina l-Qorti trid tistabillixxi r-reita' jew xort'ohra tal-imputat fil-parametri tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Fir-rigward tal-oggetti elevati, partikolarment fir-rigward tal-qratas, ix-xjenzat Godwin Sammut ikkonkluda:

> *"Illi fuq swabs mehuda mill-bicciet tal-plastik li hemm fid-dokument 301_13_01, instabet is-sustanza eroina. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel skeda, Taqsima 1, Tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Fix-xhieda tieghu jispjega li t-tracci kienu wisq negligibli tant li ma setghax jigi stabbilit l-ammont u lanqas kemm kellha zmien l-eroina. Ix-xjenzat jispjega ukoll li ma kienx hemm trab izda kien hemm biss ticpis tal-eroina. Dan ifisser li xi darba kien hemm is-sustanza eroina li kienet gia giet kkunsmata f'okkazzjonijiet precedenti u li kullma kien ghad fadal huwa residwu tal-istess sustanza.

Il-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat bil-pussess semplici tal-eroina b'parametri ta' dati specifici u cioe' fid-9 ta' Frar 2012 u fix-xahar precedenti ghal din id-data. Id-9 ta' Frar 2012 hija d-data li fiha saret it-tfittxija u dakinhar instab ir-residwu tal-istess sustanza hekk kif imsemmi fil-paragrafu precedenti. Din l-Qorti hija sprovvista minn kwalunkwe prova li l-imputat kien ikkonsma l-imsemmija droga dakinhar tat-tfittxija. Lanqas ma tezisti prova li l-imputat ikkonsma dik is-sustanza fix-xahar precedenti ghal dik id-data. Ghaldaqstant dina l-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Kyle Buhagiar u dana fil-parametri ta' zmien indikata minnha. Konsegwentament ser tilliberah minn din l-imputazzjoni.

Galadarba l-qua imputat ser jigi illiberat mill-ewwel imputazzjoni lanqas ma jistgha jinsab hati tat-tieni imputazzjoni galadarba din l-imputazzjoni tirrikjedi per minimu li l-imputat jinsab hati li kkometta reat.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qed issib lill-qua imputat, Kyle Buhagiar, mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Registratur**